# Dun Alfred Agius

*(1950 – 2020)*

*Kitba ta' Sandro Agius*

Nhar il-25 ta' Novembru, 2020 irċevejna l-aħbar li z-ziju Dun Alfred ħalliena. Kif ħabbarna l-mewt tiegħu rċevejna mijiet ta' messaġġi fuq il-mezzi soċjali li juru kemm kien parti integrali mill-ħajja taż-Żebbuġin u mhux biss. Ħsibt li nikteb dan l-artiklu ċkejken biex naqsam magħkom x'niftakar u x'naf jien miz-ziju.

Iben Angelo Agius u Karmena neè Debattista, Dun Alfred Agius (tal-Patri) twieled nhar l-14 ta' Ġunju 1950. Kien iż-żgħir fost 8 aħwa u sa minn kmieni ġietlu s-sejħa li jagħti ħajtu fil-ministeru tas-saċerdozju. Naf li ta' 12-il sena, il-ġenituri tiegħu b'għajnuna anke ta' saċerdot Żebbuġi ħa borża ta' studju ġewwa Palermo, fi Sqallija. Xi snin wara daħal mas-Sależjani ta' San Ġwann Bosco u ntbagħat jistudja l-Irlanda. Qabel ma ħa l-Ordni Sagri għamel żmien jistudja fost l-oħrajn l-istudji bibliċi u l-arkeoloġija biblika ġewwa l-Art Imqaddsa, art tant għażiża u li tant kien jitkellem dwarha. Kien ukoll jaf jitkellem bosta lingwa fosthom: l-Ingliż, it-Taljan, l-Armen, is-Sirjaku (il-lingwa li tant tixbaħ lill-Aramajk, il-lingwa li kien jitkellem biha Kristu) il-Latin u l-Għarbi. Kien saħansitra jaf ukoll il-Grieg Bibliku.

Ġie ordnat saċerdot nhar l-14 ta' Ġunju, 1979 fil-Knisja tan-Nativitè fil-belt ta' Betlem. Wara l-ordinazzjoni ġie mibgħut ġewwa Teheran fl-Iran, fejn hemmhekk kien jgħallem ġewwa skola mmexxija mis-Sależjani. Wara r-Rivoluzzjoni Iżlamika, il-ħajja tal-Insara fl-Iran saret waħda perikoluża. Niftakru jirrakkonta dwar karozza bomba li splodiet ftit minuti wara li hu għadda minn pjazza fil-belt u dwar kastigi pubbliċi li ra jingħataw. Meta konna nistaqsuh għal iktar informazzjoni kien ta' malajr idawwar id-diskors.

Irnexxielu jaħrab mill-Iran bis-saħħa tal-Ambaxxata Taljana. Missieri jirrakkonta kif meta ġie lura Malta m'għarfuhx għax ġie b'daqna folta u libes ilbies purament ċivili. Ġewwa Malta, sar saċerdot djoċesan fil-parroċċa tagħna u serva dmiru speċjalment fiż-żona ta' Ħal Mula fil-kappella li sa ftit snin ilu kien hemm ukoll il-kunvent tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Bosta jafuh għal stamperija li kellu, fejn ħafna nies kienu jmorru jagħmlu l-photo copies. Kien jinqeda minn dan il-mument biex iwettaq appostolat ma' diversi persuni.

Dun Alfred jibqa' wkoll ċertament magħruf għall-qalb soċjali tiegħu. Fuq dan l-aspett tkellimt ma' Nicolai Bugeja, ħabib tal-familja, kif ukoll perusna li kienet tapprezza tant ir-relazzjoni ta' ħbiberija li kellha maz-ziju Dun Alfred. Kienu bosta d-drabi li l-istess Nicolai siefer ma' Dun Alfred, u saħansitra kien anke jtih dik id-daqsxejn ta' telefonata jew żjara kull meta kien ikollu ċ-ċans jew jinzerta jgħaddi minn fejn kien joqgħod iz-ziju. Nicolai Bugeja saħaq kemm l-aktar żewġ kwalitajiet li kienu jaffaxxinawh f'Dun Alfred kienu: l-umiltà u preċiżament din il-qalb soċjali tiegħu. Jirrakkonta kif ta' kemm il-darba xehed għal sitwazzjonijiet fejn Dun Alfred beka mal-batut, tah spalla, u saħansitra libbsu dinjità mill-ftit riżorsi li kellu hu.

Kellu ħafna għal qalbu lis-Sorijiet tal-Klarissi tal-Monasteru ta' San Ġiljan fejn għal iktar minn 60 sena oħtu Filippa kienet soru hemmhekk bl-isem ta' Swor Maria Raffaela. Bis-saħħa tiegħu kelli x-xorti li nsir naf li dawn is-sorijiet twajba u kemm-il darba mort miegħu biex neħdulhom xi ikel.

Nista' ngħid li kibret ukoll l-imħabba tiegħi lejn San Filep, lejn il-knisja Arċipretali u lejn l-istorja ta' beltna. Niftakar kemm kien kuntent li kien ġie magħżul biex imexxi



l-purċissjoni ta' San Filep meta lura fl-2012 inġiebet l-urna bil-fdalijiet ta' San Filep minn Aġġira.

Bla dubju l-iktar li jibqa' rinomat kien fl-għożża u l-imħabba li kellu lejn il-liturġija u l-Kelma t'Alla. Forsi mhux dejjem ġie mifhum, imma llum kulħadd jifhem li kien jagħmel dan miż-żelu li kellu lejn dak kollu li hu tal-Knisja. Kien għalija mhux biss iz-ziju imma l-għalliem u l-katekist tiegħi. Tqis li kull darba li kont inkun miegħu konna nispiċċaw nitkellmu wkoll fuq il-Bibbja, il-Liturġija jew xi tagħlim ieħor li l-Papa jkun qed jitkellem dwaru minn żmien għal żmien.

Għal diversi snin kien għalliem, fost l-oħrajn fl-iskola Sekondarja tal-Verdala u fis-Sekondarja ta' Ħaż-Żebbuġ fejn kelli x-xorti li nkun student tiegħu għal sena. Fis-snin ta' wara, wara li għamel xi żmien assistent ta' Dun Mikiel, ġie maħtur Educational Officer tar-Reliġjon fl-iskejjel statali.

Dun Alfred. Il-Bniedem li jibqa', fil-qalb ta' ħafna.